MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 674/2010

**Avukat Generali**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**vs**

**Nicolai (Nicolai Christian) Magrin**
**Direttur Qrati u Tribunali Kriminali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati esponew is-segwenti:

1.1. Illi fl-4 ta' Dicembru, 2006, l-intimat Magrin tressaq il-Qorti tal-Magistrati hemm indikata fil-kapacita` taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali mixli li ghall-habta tad-29 t'April, 2006, saq vettura b'mod traskurat u bi ksur tal-ligi, u kkaguna griehi hfief lil Giuseppe Cuschieri;

1.2. Illi bis-sentenza taghha datata l-24 t'Ottubru, 2006, l-istess intimat kien liberat;

1.3. Illi r-raguni ghall-istess liberazzjoni hi s-segwenti:

"Billi jirrizulta li l-fatti li setghu taw lok ghall-akkuzi graw f'hin ferm differenti minn dak indikat fl-akkuzi ma ssibux hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u mill-akkuzi tilliberah", (ara fol 9) tal-process tal-Appell bin-numru 378/07 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai Christian) Magrin;

1.4. Illi sussegwentement ghas-suespost, l-istess intimat kien rega' tressaq quddiem l-istess Qorti fuq indikata, din id-darba diversament preseduta, mixli bl-istess akkuzi fuq ukoll riferiti;

1.5. Illi s-sentenza fir-rigward inghatat fit-22 t'Ottubru, 2007, (ara fol 14 tal-process tal-Appell gia` indikat fil-paragrafu wiehed punt tlieta, (1.3) aktar qabel;

1.6. Illi fis-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti l-istess intimat kien gie liberat a bazi tal-principju "*ne bis in idem*";

1.7. Illi l-Avukat Generali kien appella mis-sentenza indikata fil-paragrafu wiehed punt hamsa, (1.5);

1.8. Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell Kriminali datata s-17 ta' Marzu, 2008, (ara fol 49 tal-process tal-Appell gia` ndikat fil-paragrafu wiehed punt tlieta, (1.3), aktar qabel);

1.8.1. Laqghet l-appell interpost;

1.8.2. Irrovikat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati in dizamina tat-22 t'Ottubru, 2007 fuq indikata;

1.8.3. Ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

1.8.4. Illi biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, irrinvjat il-process lill-Ewwel Qorti biex, “wara li jinstemghu l-provi kollha, l-kaz jerga’ jigi deciz skont il-ligi”, (ara fol 52 tal-process tal-Appell fuq indikat);

1.9. Illi meta fid-19 ta’ Mejju, 2008, il-kaz tega’ gie quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif indikat fil-paragrafu precedenti, l-imputat intimat odjern talab referenza kostituzzjonali stante li l-intimat odjern hass li d-dritt fundamentali tieghu gie lez u ghalhekk talab referenza Kostituzzjonali skont il-ligi, (ara fol 53 tal-Atti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq riferita);

1.10. Rat id-digriet relattiv ukoll datat id-19 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu l-qorti *de quo* laqghet it-talba u ordnat li l-atti jintbaghtu quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali), (ara wkoll fol 53 tal-istess atti indikati fil-paragrafu precedenti);

1.11. Illi l-istess qorti kostituzzjonali indikata fil-paragrafu precedenti ddecidiet il-vertenza sollevata quddiemha fis-26 ta’ Marzu, 2009, (ara fol 56 tal-atti tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali), li sintetikament iddecidiet is-segwenti:

1.11.1. ***Ne bis in idem*: l-Aspetti Kostituzzjonali**:

1.11.1.i. Illi dan il-principju antik hu sanzjonat mill-artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjonai ta’ Malta;

1.11.1.ii. Illi dan il-principju jifforma parti mill-artiklu tal-Kostituzzjoni li jhares id-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli minn qorti indipendenti w imparzjali imwaqqfa b’ligi;

1.11.1.iii. Illi ghalhekk persuna li tkun ghaddiet minn process gudizzjarju kif fuq sancit, dwar reat, m’ghandha qatt terga’ tghaddi minn process iehor dwar l-istess reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja taghhom fl-istess l-ewwel process;

1.11.1.iv. Illi stabbiliet li l-principju rikjamat mill-intimat Magrin hu differenti minn dak sancit mill-artiklu 4 tar-Raba' Protokol tal-Konvenzjoni *de quo* stante li l-Kostituzzjoni tipprefiggi harsien appozitu f'dan ir-rigward, (ara fol 62 tal-atti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali);

1.11.1.v. Illi kif irriteniet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Domenic Abela, datata t-12 ta' Dicembru, 2000**:

"Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat, koknsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett; hekk, per ezempju, min f'okkazjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta` ta' haddiehor u f'okkazjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta` ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-*res judicata*";

1.11.1.vi. Illi tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejh li:

1.11.1.vi.a. L-artiklu 527 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar **l-istess fatt**;

1.11.1.vi.b. L-artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar **l-istess reat;**

1.11.1.vii. Illi f'dan il-qasam tal-principju *de quo* hu pacifiku li japplika n-*ne bis in idem* meta:

" … there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgement on a different charge, but founded on the same act", (ara **Qorti ta' l-Appell Kriminali, Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar, deciza fil-15 ta' Novembru, 1941**);

1.11.1.viii. Illi l-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji moghtija fil-ligi ordinarja;

1.11.1.ix. Illi l-qorti qablet mal-imputat li fit-tieni procediment qed jigi lilu lez id-dritt fundamentali tieghu minnu rikjamat;

1.11.1. x. Illi fil-kazi in dizamina hawn paragunati hu biss il-hin li fih allegatament sar il-kaz li jirrizulta differenti minn akkuza ghall-ohra;

1.11.1.xi. Illi ghaldaqstant sabet li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati – kif allura riproposti wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, (ara paragrafu wiehed punt tmienja, (1.8), aktar qabel), qed jiksru d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni, (ara fol 65 tal-atti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali);

1.11.2. ***Ne bis in Idem*: Aspetti Konvenzjonali**:

1.11.2.i. Illi dan il-principju hawn jiehu xejra differenti:

1.11.2.ii. Illi permezz tal-artiklu 4 tas-Seba' Protokol, illum formanti parti mill-ordinament guridiku Malti hu issa stabbilit ukoll konvenzjonalment li hadd ma jista' jigi ipprocessat jew ikkastigat ghal darba'ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun gie processat (kemm jekk inheles, kif ukoll jekk ikkundannat), skont il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-istat;

1.11.2.iii. Illi fir-rigward jirrizultaw zewg (2) eccezzjonijiet:

1.11.2.iii.a. Meta jirrizultaw provi ta' fatti godda;

1.11.2.iv.b. Meta jirrizulta "vizzju fundamentali" fl-ewwel procedura";

1.11.3. Illi dan l-artiklu awtomatikament jirrikjedi wkoll analizi tal-artiklu 6 (1) tal-istess Konvenzjoni,

senjatament id-dritt ghal smiegh xieraq, li ghalkemm rilevanti, xorta mhux identiku mal-principju tan-*ne bis in idem* in dizamina;

1.11.4. Illi l-istess principju jimplika l-ezistenza ta’ sentenza jew decizjoni “li tiswa”, (ara fol 67 tal-atti tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali);

1.11.5. Illi d-dritt in dizamina jimplika li persuna ma ggarrabx izjed minn process wiehed dwar l-istess reat;

1.11.6. Illi l-garanziji hawn statutorjament esposti jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1.11.6.i. Li ebda persuna m’ghandha tkun suggetta li titressaq aktar minn darba ghall-istess offiza;

1.11.6.ii. Li ebda persuna ma titressaq aktar minn darba ghall-istess offiza;

1.11.6.iii. Li ebda persuna ma tinstab hatja aktar minn darba ghall-istess offiza;

1.11.7. **Rizultanzi Fattwali**:

1.11.7.i. Illi Magrin tressaq mixli b’reat marbut b’incident awtomobilistiku li permezz tieghu tajjar lill-passant Cuschieri;

1.11.7.ii. Illi l-istess Magrin ma nstabx hati;

1.11.7.iii. Illi minn din l-ewwel sentenza ma gie introdott l-ebda appell;

1.11.7.iv. Illi konsegwentement din l-ewwel sett ta’ proceduri ghaddew in gudikat;

1.11.7.v. Illi pero` l-Pulizija ghazlu li jirintroducu l-procedura kontra Magrin mill-gdid fejn din id-darba xliet lil

Magrin b'reat iehor marbut mal-incident awtomobilistiku originali;

1.11.7.vi. Illi f'din it-tieni procedura hekk inoltrata gew korretti xi zbalji fattwali precedentement konnessi mill-Pulizija prosekutrici;

**1.11.8. Analizi tal-istess Rizultanzi:**

1.11.8.i. Illi l-qorti kostituzzjonali *de quo* ma kellha l-ebda dubju li l-fatti rilevati fit-tieni procedura kienu effettivament strettament marbutin mal-ewwel episodju fejn sehh l-incident awtomobilistiku in dizamina;

1.11.8.ii. Illi l-artikli fuq indikati tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ma jipprekludux li persuna titressaq mixlija izjed minn darba dwar xi fatt jekk dak jikkostitwixxi aktar minn reat wiehed;

1.11.8.iii. Illi dak li dawn l-artikli jistabilixxu hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat – kemm jekk qabel kienet giet misjuba hatja jew liberata, u dan, b'sentenza li ghaddiet in gudikat;

1.11.8.iv. Illi ghalhekk id-duplikazzjoni ta' procediment m'ghandux ikun il-kejl uniku li bih tigi rizolta l-vertenza odjerna;

1.11.8.v. Illi l-uniku differenza bejn iz-zewg proceduri intavolati mill-Pulizija prosekutrici kienet dik rigwardanti l-hin tal-incident awtomobilistiku in dizamina;

1.11.8.vi. Illi ghalhekk Magrin allega li mhux biss qed igarrab il-"*bis*", imma anke l-"*idem*";

1.11.8.vii. Illi fir-rigward jirrizulta li lanqas il-Qorti Ewropea ikkoncernata ma dejjem segwiet l-istess kriterju minnha stabbilit u dan, ma jghinx biex jigi stabbilit il-principju tac-certezza tad-dritt fir-rigward;

1.11.8.ix. Illi fir-rigward jidher li t-triq intrapriza mill-imsemmija qorti fil-kaz **Sergey Zolotuklin vs Russia,**

**(Applikazzjoni Numru 14939/03**, datata l-**10 ta' Frar, 2009**), din stabbiliet li:

"Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has alteady acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquitted. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings";

1.11.8.x. Illi in vista tal-premess, ikkonkludiet ukoll li l-ilment sollevat minn Magrin jirrizulta misthoqq ukoll;

**1.11.9. Konkluzjoni:**

1.11.9.i. Illi l-procedura inoltrata fil-konfront tal-imputat Magrin fiz-19 ta' Mejju, 2008, (ara paragrafu wiehed punt

disgha, (1.9), aktar qabel), tikser il-jeddijiet fundamentali allegati tal-akkuzat;

1.11.9.ii. Illi konsegwentement ordnat li l-atti jergghu jigu ritornati lill-Qorti riferenti biex tiddisponi mill-kaz skont din is-sentenza, (ara fol 71 tal-atti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali *de quo*);

1.12. Illi fis-7 t'April, 2009, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija intavolaw appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, li permezz ta' digriet datat iz-19 ta' Jannar, 2011, thalliet *sine die*, (ara fol 144 tal-atti tal-process quddiem l-istess qorti hawn indikata);

1.13. Illi fil-frattemp il-Qorti tal-Magistrati tat sentenza datata l-1 ta' Frar, 2010, u lliberat lil Magrin minkejja li l-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

1.14. Illi ssir referenza ghall-artikli 46 (3) (4) tal-Kostituzzjoni kif rifless fl-artikli 4 (3) u (4) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.15. Illi f'kaz ta' referenza il-qorti riferenti hi obbligata timxi skont id-direzzjoni lilha moghtija mill-qorti riferita jew, f'kaz t'appell, mill-Qorti Kostituzzjonali;

1.16. Illi ghalhekk il-qorti in prim'istanza riferenti qatt ma setghet tiddeciedi kaz li jkun ghadu pendenti quddiem qorti ta' sekonda, jew bhal kaz odjern ta' terza stanza;

1.17. Illi konsegwentement is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Frar, 2010, fuq riferita inghatat bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 u konsegwentement hi nulla u bla effett;

1.18. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed jitolbu din il-qorti biex:

1.18.1. Tiddikjara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

datata l-1 ta’ Frar, 2010, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai Magrin bhala nulla u bla effett;

1.18.2. Tordna li l-istess qorti tkompli tisma’ l-kaz wara decizjoni finali mill-Qorti Kostituzzjonali dwar ir-referenza in dizamina;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Magrin datata l-14 ta’ Settembru, 2010, li permezz taghha sintetikament espona bil-gurament is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi dawn ghandhom allura jigu rigettati bl-ispejjez;

2.3. Illi din il-procedura hi improponibbli quddiem din il-qorti stante li l-lanjanzi kellhom jigu proposti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali;

2.4. Illi kienu r-rikorrenti li ghazlu li ma jappellawx biex allura s-sentenza ghaddiet ingudikat;

2.5. Illi tezisti l-inkompetenza *rationae materiae* ta’ din il-qorti stante li l-qorti idonea hi l-Qorti tal-Appell Kriminali;

2.6. Illi f’kaz li t-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, m’ghandux ibati spejjez;

3. Rat l-ordni t’assenjazzjoni datat is-27 t’Ottubru, 2010, (ara fol 18);

4. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom kif hemm postulat, (ara fol 39);

5. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-25 ta’ Jannar, 2013, flimkien mar-risposta ta’ l-intimat Magrin;

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

8. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti u tal-intimat Magrin;

Ikkunsidrat;

9. Illi nonostante d-delikatezza tal-vertenza vera u proprja tal-kaz odjern, ghandu jinghad li l-vertenza vera u proprja li din il-qorti hi prezentement kolpita hi biss dik ta' natura procedurali;

10. Illi pero` qabel ma tigi indirizzata din il-vertenza thossha obbligata tirrileva s-segwenti:

10.1.Illi l-intimat Direttur Qrati u Tribunali Kriminali hu inspjegabbilment fi stat ta' kontumacja peress li nonostante li debitament notifikat, (ara fol 6), baqa' ma rrispondiex – haga li ma taghmillux gieh;

10.2. Illi din il-procedura tirrizulta li hi holqa ohra f'saga procedurali li taf l-origini taghha ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'April, tal-2006;

10.3. Illi s-saga procedurali sussegwenti tizvela inkompetenzi processwali konsiderevoli li forsi l-proceduri kellha sussegwenti inoltrati xorta ma jissuperawx;

10.4. Illi *di piu`* jirrizulta s'issa li l-istess incident gia` ta bidu ghal sitt (6) proceduri gudizzjarji u mhux eskluz li dan in-numru ma jkomplix jikber;

10.5. Illi ghalhekk, aktar milli qed tigi servuta l-gustizzja jirrizulta li effettivament hawn si tratta ta' wahda mis-segwenti:

10.5.1.Inkapacita` u inkompetenza grossolana tal-prosekuzzjoni;

10.5.2.Malizja serja fl-esekuzzjoni tal-process gudizzjarju;

10.5.3.Akkaniment processwali inawdit u manifestement sproporzjonat;

Ikkonsidrat:

11. Illi esperit is-suespost hu ghaqli li jkunu indirizzati r-risposti tal-intimat li jsostni li din il-qorti mhix dik idonea biex tisma' u tiddeciedi din il-vertenza;

12.0. Illi din il-qorti ma taqbilx ma' din il-pozizzjoni, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

12.1.Illi l-procedura odjerna, ghalkemm rizultanti mill-konfuzjoni processwali riskontrata, mhix estensjoni tal-procedura kriminali indirizzata fil-konfront tal-intimat Magrin;

12.2.Illi din il-procedura inhass il-htiega ghaliha stante li waqt li l-kawza ghadha ghaddejja procedura ta' referenza kostituzzjonali, il-qorti tal-Magistrati li fil-fatt kien suppost qed tistenna direzzjoni fir-rigward – din id-darba mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istadju t'appell tal-vertenza *de quo* – ipprecipitat il-kwistjoni u minflok, iddecidiet il-mertu minghajr ma stenniet ghal tali direzzjoni;

13. Illi dan ghandu manifestament ikun meqjus bhala pregudikanti tal-procedura u r-rikorrenti ghamlu sew – anzi ma kellhom l-ebda alternattiva fic-cirkostanzi – hlief li jagixxu bil-mod li mxew bih f'din il-kawza;

**DECIDE:**

14. Illi konsegwentement din il-qorti tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat Magrin bl-ispejjez;

Ikkonsidrat:

15.0. Illi fil-meritu ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

15.1. Illi qorti li tindirizza referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili hi obbligata tirrispetta l-*iter* guridiku li tkun inizjat hi stess;

15.2. Illi meta, bhal ma gara fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex tiddeciedi l-kaz fil-meritu ta' natura kriminali tieghu immedjatament wara is-sentenza kostituzzjonali minghajr ma stenniet, kif dovut, ghas-sentenza finali mill-Qorti Kostituzzjonali effettivament ipprivat lill-kontendenti mill-beneficcju tad-*doppio ezame* u b'hekk agixxiet kemm b'disprezz lejn l-ordinament guridiku li kien qed jirrikjedi dan id-*doppio ezame* kemm bi zdenn lejn il-partijiet li minnha kienu qed jistennew gustizzja;

15.3. Illi ghalhekk jirrizulta li din is-sentenza tal-1 ta' Frar, 2010, tal-Qorti tal-Magistrati kienet effettivament precipituza stante li ma hallietx spazju biex il-Qorti Kostituzzjonali tesprimi ruhha fir-rigward;

**DECIDE:**

16.0. Illi tenut kont tas-suespost, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

16.1. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata l-1 ta' Frar, 2010, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai Magrin hi nulla u bla effett;

16.2. Tordna li l-istess Qorti tal-Magistrati fuq indikata tisma' l-kaz wara li dan ikun finalment deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tar-riferenza in dizamina;

16.3. Tordna li rigward l-ispejjez ta' din il-procedura, dawn ghandhom jigu sopportati biss mill-Kummissarju tal-Pulizija stante li s-saga in dizamina tidher naxxenti mill-operat tal-istess;

16.4. Tirrileva finalment li saga bhal dik in dizamina mhix konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u filwaqt li tawspika li min hu dovut ghandu jiehu passi

dixxiplinarji fir-rigward biex jistabbilixxi r-ragunijiet ghal din il-konfuzjoni procedurali li fil-fatt tidher pjuttost komuni fi proceduri sommarji, tawspika wkoll li s-saga hawn riskontrata ma tiehux aktar zmien inutili sakemm tigi konkluza b'mod definittiv.

________________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------